MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2011

Talba Numru. 1047/2010

**Mobisle Communications Limited – C-24655**

**vs**

**Carmen Sultana – I.D.201365-(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta' attrici talbet illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-istess Socjeta' attrici l-ammont ta' elfejn u tlieta u tletin Ewro u tmienja u sebghin centezmu (€2,033.78c), liema somma tirraprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil *Mobisle Communications Limited* in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-Socjeta' attrici skond diversi kontijiet mibghuta lilu fuq kuntratt bin-numru *424086* u dana fix-xhur ta' bejn is-sena 2007 u is-sena 2009.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat 2 ta' Dicembru, 2009, dawk tal mandat ta sekwestruipprezentat kontestwalment ma dana l-att, u bl-imghaxijiet

sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut illi huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi, u dan minkejja l-fatt illi inghatat il-fakolta' li tipprezenta tali risposta wara li kien  skada t-terminu.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenuta thallas is-somma ta' elfejn u tlieta u tletin Ewro u tmienja u  sebghin centezmu (€2,033.78c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------